**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**23 ta' Ottubru, 2022**

# IL-ĦIDMA MISSJUNARJA

F'dan il-Ħadd niċċelebraw Jum il-Missjoni. Il-Knisja hija missjunarja s-sena kollha u kull bniedem huwa fl-istess ħin missjunarju u art tal-missjoni. Imma l-Knisja tridna niftakru fil-ħidma li twettaq fil-postijiet imbegħdin u fejn il-missjunarju jgħix fil-prekarjetà, anke għall-fatt li jkunu waħedhom fis-sens li nieshom ikunu 'l bogħod u ħafna drabi jridu jsolvu problemi kbar li jħalluhom għajjenin.



Mill-missjoni joħorġu aħbarijiet li jnikktu, bħal meta nisimgħu bil-missjunarji li jridu jħabbtu wiċċhom mal-flaġell tal-gwerra, ġuħ u inġustizzji. Mill-missjoni joħorġu wkoll aħbarijiet ta' ferħ u tama. Hekk pereżempju s-Sależjani li hemm jaħdmu fil-belt ta' Betlehem għandhom forn li jagħmel madwar 3,000 ħobża kuljum u minn dawn iħalli ħobż biżżejjed biex jitqassam lil madwar 100 familja, kuljum, bla ħlas! Il-missjunarju jagħti l-ħobż tal-Ewkaristija u l-ħobż li jsostni l-ġisem, dejjem bl-għajnuna li jagħtu l-Insara bħalkom li qed jaqraw u jgħinu mill-bogħod.

Niftakru fil-missjunarji min-Nadur li qegħdin jaħdmu 'l bogħod minn xtutna. Nitolbu għal Lux Marie Grech li tinsab l-Etjopja, Dun Raymond Portelli li jinsab fil-Peru, Dun Mario Cassar li jinsab fil-Kenja u f'tant oħrajn. F'dan il-Ħadd nagħtu s-sehem tagħna u nitolbu għall-ħidma missjunarja tal-Knisja.

***L-Arċipriet***

**Akille Ferris lit-tfal**
Fl-1896 Akille Ferris kiteb hekk fil-ktejjeb *Il-ħabib tat-tfal*. Tfal jekk taraw xi kelb, ma għandkom qatt taħqruh, iżda għarfu tgħallmu minnu u tgħaxxqu bil-fedeltà tiegħu.

**AVVIŻI:**

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru, quddiem in-niċċa tal-Karmnu fi Pjazza 28 t'April 1688. Jibda fil-5:30pm. Kulħadd mistieden għal din il-manifestazzjoni Marjana.

**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI:** tal-istudenti li jattendu għal-laqgħat taċ-Ċentru: nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru fis-7:00pm. Fiha ssiru tafu l-pjanijiet għal din is-sena u jkollkom ukoll iċ-ċans li twasslu l-feedback tagħkom.

**GĦALL-MIŻŻEWĠIN ŻGĦAR:** laqgħa għalikom nhar is-Sibt 29 tax-xahar fis-7:30pm fis-sala ta' Dar San Pietru u San Pawl, fi Triq Diċembru 13. Se jmexxi Dr Michael Galea.

**FIT-2 TA' NOVEMBRU:** filgħodu fis-6:30am issir quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Kenuna u filgħaxija fl-4:00pm issir quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina.

**IĊ-ĊIMITERJI:** infakkru lil dawk kollha li għandhom qabar hawnhekk fil-parroċċa sabiex jieħdu ħsieb jagħtu l-kontribuzzjoni annwali. Tistgħu tkellmu lil Antonia Vella t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn id-9:00am u l-11:00am.

**GĦALL-IRĠIEL:** Il-Leġjun ta' Marija fin-Nadur għandu żewġ gruppi għall-irġiel kull ġimgħa. Wieħed "Sultana tal-Appostli" jiltaqa' nhar ta' Ġimgħa fis-7:00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. L-ieħor "Saħħa tal-Morda" li jiltaqa' f'Dar Luminarja nhar ta' Tlieta fl-4:00pm. Titħajjar?

## DATI IMPORTANTI!

Is-sena d-dieħla l-Ewwel Tqarbina se ssir fit-28 ta' Mejju u l-Griżma tal-Isqof se ssir fid-9 ta' Ġunju.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am